**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 520/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2302/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1) Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fl-20 Dicembru 2003 (DOK A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, E F D, illi twieldet fid-29 Jannar 2008;

2) Illi huma sseparaw permezz takuntratt taseprazzjoni ppubblikat nhar is-27 Marzu 2023 fl-atti tan-nutar Margaret Heywood (DOK B);

3) Illi l-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien minn 24 Jannar 2023 kif indikat fil-preambolu tal-istess kuntratt ta' separazzjoni;

4) Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti;

5) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6) Illi ma dan l-att qieghed jigi anness l-affidavit tal-esponenti u mmarkat DOK C;

7) Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz takuntratt taseparazzjonim' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbet lil dina l-Qorti sabiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2023;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-27 ta' Marzu 2023 u ilhom ma jgħixux flimkien mill-24 ta'Jannar 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.